**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Frar 2017**

**Talba Nru: 97/16 CZ**

**Customs & Freight Agency Limited (C 17475)**

**vs**

**S.A. Sales Limited (C 55182)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Marzu 2016 fejn premettiet:

Illi s-socjeta' Customs & Freight Agency Limited (C 17475) ta' Attard Holdings, Luqa Road, Qormi, QRM 08, Malta, fl-ewwel lok taghmel referenza ghas-servizz u/jew oggetti moghtija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' intimata.

Illi fit-tieni lok, issir referenza ghall-invoice hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A, u dan ghas-somma ta' elf, tliet mija u disgha w disghin Euro u centezmu (€1,399.01) rapprezentanti servizzi u/jew oggetti moghtija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' intimata.

Illi s-socjeta' intimata, ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-hlas tal-fuq imsemmi ammont, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra legali interpellatorja datata 4 ta' Jannar 2016 li tinsab hawn annessa bhala Dok. B u tal-ittra ufficcjali 166A datata 12 ta' Jannar 2016 hawn annessa bhala Dok. C u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-hlas attwali, kontra s-socjeta' intimata illi minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-3 ta' Mejju 2016, is-socjeta' konvenuta wiegbet:

Illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi jirrizulta li l-kontijiet li s-socjeta' attrici kienet tibghat kienu jinkludu ammonti ghal spejjez li ma kinux dovuti;

Illi fi kwalsiasi kaz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut stante illi l-ammont huwa pacut u kkumpensat ma' ammont ikbar dovut lill-konvenut.

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' esponenti ta' ammont ikbar liema ammont ghadu ma giex debitament imhallas mill-istess socjeta' rikorrenti u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta, li jiffurmaw mertu ta' din il-kawza, tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (kopja ta' l-Avviz hawn annessu mmarkata bhala Dok. A).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt u bl-ingunzjoni in subizzjoni tas-socjeta' attrici.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2017, il-partijiet awtorizzaw lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici, li toffri logistika sabiex tiffacilita l-importazzjoni ta' oggetti minn barra ghall-klijenti taghha, qieghda titlob il-hlas ta' diversi ammonti dovuti fuq perjodi differenti, fejn tat servizzi lis-socjeta' konvenuta, senjatament xoghol relatat ma' proceduri u dokumentazzjoni tad-Dwana u servizzi relattivi.

Illi xehed Kevin Attard, direttur fis-socjeta' attrici li spjega r-relazzjoni li kien hemm matul iz-zmien bejn is-socjeta' tieghu u dik konvenuta, kif ukoll spjega, permezz ta' referenza ghal varji invoices, x'inhuwa l-ammont pretiz. L-istess xhud esebixxa wkoll ghadd ta' dokumenti li juru x'kien ix-xoghol li sar u li ghalih qed jintalab il-hlas. Qal ukoll illi qabel il-Malta Maritime Authority ghaddiet ghal ghand Transport Malta, is-socjeta' attrici kienet thallas tlieta w ghoxrin Euro u tletin centezmu (€23.30) bhala

'terminal handling fees'. Meta mbaghad il-Malta Maritime Authority inghaqdet ma' Transport Malta, allega li kien hemm qbil mal-klijent (f'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta), fejn kien jinghata servizz oltre billi jhallsu d-dazji u kwalsiasi charge ohra, u li kienu ser jibqghu izommu dan l-ammont li qabel kien relatat mat-terminal handling fees, izda l-kliem MMA issa kien ser jibda jfisser 'More Miscellaneous Administration', u mhux iktar Malta Maritime Authority. Dan kien sar sabiex ma joqghodx isir tibdil fis-sistema tal-kompjuters. Spjega wkoll illi kien qal bil-fomm lil Antoine Agius dwar dan l-arrangament, u ghal din l-ispiza ma kienx izomm VAT. Qal ukoll illi mhux lill-klijenti kollha jaghtu dan is-servizz ta' 'MMA'.

Illi xehdet ukoll Charmaine Bonello, illi tat iktar dettalji partikolarment kif kienet tithejja dokumentazzjoni relattiva, u kif l-ammont li kienet titlob is-socjeta' attrici kienu jikkorrispondu ma' l-ammonti tad-dazju li kellhom jigu mhallsa, u li huma indikati fid-dokumenti. Sahqet pero' li hi ma kellhiex x'taqsam mal-kontijiet li kienu jintbaghtu.

Xehed ukoll Dr. Robert Vassallo li kkonferma li l-Malta Maritime Authority giet assorbita fi Transport Malta mill-1 ta' Jannar 2010.

Illi xehed ukoll Antoine Agius, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li qal li l-awditur kien gibidlu l-attenzjoni dwar l-ittri 'MMA' fil-kontijiet. Kien beda jistaqsi lil nies mis-socjeta' attrici dawn x'kienu jfissru, sakemm fl-ahhar kellu inkontru ma' Kevin Attard tas-socjeta' attrici u meta kkonfrontah dwar dan, dan ta' l-ahhar baqa' ma tax spjegazzjoni ghal tali entrata fil-kontijiet in kwestjoni. Stqarr ukoll illi ma kienx jaf illi l-ittri 'MMA' inbidel is-sinjifikat taghhom.

Illi t-Tribunal a bazi tal-provi prodotti irrizultalu illi fil-verita' ma saret l-ebda kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta ghas-somma mitluba, hlief ghall-fatt illi

kien hemm xi spejjez, senjatament dawn taht l-intestatura 'MMA', li ma kellhomx jithallsu, u hlief ukoll ghall-fatt illi skond is-socjeta' konvenuta l-ammont mitlub gie pacut ma' ammont iehor li kienet qed tippretendi li ghandha tiehu s-socjeta' konvenuta minghand dik attrici. Dwar dan l-ahhar punt, it-Tribunal fehem illi hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, hekk kif anke jidher mill-avviz prezentat a fol. 13 tal-process. Illi f'dan il-punt, it-Tribunal jirrileva s-segwenti:

> Illi t-tpacija tista' titqies bhala hlas reciproku li jitfi ż-żewg obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wiehed ikun akbar mill-iehor, it-tpacija ssehh sa l-ammont tal-anqas wiehed u l-obbligazzjoni tibqa' skond kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun icken;
>
> Illi l-ligi taghna taghraf żewg ghamliet ta' tpacija: dik ex lege u dik konvenzjonali, li ma toqghodx ghar-regoli ta' l-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' ssehh it-tpacija legali jehtieg jintwera li (a) jkun hemm żewg djun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu ghal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reciprokament ta' xulxin, (c) li jkunu omogenji (jigifieri, jkollhom bhala oggett il-hlas ta' flus jew haga ohra fungibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistghu jkunu likwidati bla tahbit kbir u jkunu certi wkoll f'dik li hija kwantita'; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistghu jintalbu;
>
> Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li tintwera "l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm żewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorita' interpretattiva li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico";[1]

[1] Perit Vince Cassar et vs. Nicholas sive Lino Debono et – Prim'Awla tal-Qorti Civili, per Onor. Imhallef J.R. Micallef, 22 ta' Marzu 2005

Illi t-Tribunal josserva illi fil-kaz odjern huwa mankanti dan l-ahhar rekwizit ghaliex ma jistax verament jinghad illi hemm zewgt'idjun awtonomi u separati, ladarba l-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta ukoll titnissel mill-istess dokumenti li qed tuza s-socjeta' attrici sabiex tavvanza l-pretensjonijiet taghha. Jirrizulta ghalhekk illi l-eccezzjoni tat-tpacija fil-kaz odjern ma tistax tregi.

Illi minkejja dan, pero', it-Tribunal huwa xorta obbligat li jezamina l-fondatezza tat-talbiet attrici, inkluz b'ezami ta' kull dokument imressaq mis-socjeta' attrici. Jirrizulta mid-dokumenti ossia invoices a fol. 18 sa 21 tal-process illi kull invoice tinkludi l-kliem MMA, u, rispettivament, entrata ta' tlieta u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€23.30) ghal kull tali entrata. It-Tribunal isibha difficli jemmen kif tariffa stabbilita, cioe' dik tal-Malta Maritime Authority giet konvertita mis-socjeta' attrici, ghal tariffa differenti bl-isem ta' 'More miscellaneous administration', meta l-Malta Maritime Authority ma baqghetx tezisti, u dan propju sabiex tinzamm l-istess taqsira tal-kliem. It-Tribunal mhuwiex konvint illi din l-entrata nzammet bl-istess mod u forma ta' meta kienet tezisti l-Malta Maritime Authority semplicement ghaliex is-socjeta' attrici ma setghetx tbiddel is-sistema kompjuterizzata ta' l-invoices taghha. Ghall-kuntrarju jirrizulta illi din kienet spiza li kienet qed tinzamm mis-socjeta' attrici, u li meta konfrontat dwarha d-direttur tas-socjeta' attrici ma kienx kapaci jiggustifikaha. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi kull fejn hemm din l-entrata, il-hlas relattiv ma huwiex dovut, u cioe' s-somma ta' tlieta u ghoxrin Euro u tletin centezmu (€23.30) ghal erba' invoices, ammontanti b'kollox ghal tlieta u disghin euro u ghoxrin centezmu (€93.20). Min-naha l-ohra, pero', m'hemm l-ebda raguni ghalfejn it-talba tal-bilanc f'kull invoice m'ghandhiex tintlaqa', u s-socjeta' konvenuta ma tat l-ebda eccezzjoni li tincidi b'xi mod fuq il-mertu tal-bilanc, wara li titnaqqas l-ispiza ta' l-MMA li lmentat minnha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jichad il-bqija ta' l-eccezzjonijiet, u jilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici, fis-sens li jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tliet mija u hames Euro u wiehed u tmenin centezmu

(€1,305.81), bl-imghax minn meta ntbaghatet l-ahhar invoice u cioe' mit-13 t'Ottubru 2015 sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez jithallsu in kwantu ghal disa' minn ghaxar partijiet (9/10) mis-socjeta' kovenuta u wahda minn ghaxar partijiet (1/10) mis-socjeta' attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur